# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 15**

**Appell Ċivili Numru 661/2002/1 FS**

**John Peter Stanton**

***v.***

***Schembri & Sons Ltd***

1. Dawn huma żewġ appelli – dak ewlieni tas-soċjetà konvenuta u dak inċidentali tal-attur – minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Diċembru 2013 li sabet illi s-soċjetà konvenuta hija weħedha responsabbli għal inċident li seħħ fil-11 t'April 2001 li fih korra l-attur u għalhekk ordnatha sabiex tħallas lill-attur kumpens fl-ammont ta' mija u erbgħa u erbgħin elf, sitt mija u ħamsa u sebgħin euro u tlieta u sittin ċenteżmu (€144,675.63) bħala danni. Is-soċjetà konvenuta appellat dwar ir-responsabilità għall-inċident u dwar il-

persentaġġ ta' diżabilità li ġarrab l-attur filwaqt li l-attur appella dwar il-persentaġġ ta' diżabilità tiegħu kif ukoll dwar il-*quantum* ta' kumpens mogħti lilu mill-ewwel qorti.

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża huma dawn: l-attur kien impjegat mas-soċjetà konvenuta. Fil-11 t'April 2001 intbgħat sabiex jassisti fil-proċess tal-bdil tal-forom tal-makna li tagħmel il-*moulds* tal-*concrete* wara li l-istess proċess kien diġà inbeda minn żewġ ħaddiema oħra tas-soċjetà konvenuta.

3. Għalkemm meta l-attur intbagħat sabiex igħin fil-proċess tal-bdil tal-forom tal-makna hawn fuq imsemmija kien hemm impjegat ieħor tas-soċjetà konvenuta preżenti biex ukoll igħin fl-istess proċess, jidher li l-attur kien mistenni jagħmel ix-xogħol kollu hu, inkluż li jieħu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa sabiex ix-xogħol isir sew u bla perikolu.

4. Peress li s-soċjetà konvenuta ma fissritx, b'mod ċar, dak li kien mistenni mill-attur – u għalhekk ma spjegatlux li kellu wkoll jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa sabiex il-makna (jew parti minnha) ma taqax fuq idejh jew fuq id l-impjegat l-ieħor (u ma qaltlux, għalhekk, li dawn il-prekawzjonijiet ma kinux diġà ttieħdu fil-bidu tal-proċess tal-bdil tal-istess forom) – u peress ukoll li l-attur ma kienx familjari biżżejjed ma' dan ix-xogħol, u għalhekk ma kienx jaf x'kellu jagħmel sabiex tiġi segwita l-proċedura t-tajba (ma kienx jaf l-ordni kif kellhom jinħallu l-viti (kellhom jinħallu l-viti tat-trufijiet l-ewwel imbagħad tan-nofs jinħallu fl-aħħar), ma kienx jaf li kellhom

jitqiegħdu s-serratizzi biex il-piz tal-magna iserraħ fuqhom, ma kienx jaf għaliex kellhom jitqiegħdu dawn is-serratizzi, u lanqas ma kien jaf sa fejn kellu jdaħħal idu) ma ġietx segwita l-proċedura t-tajba, parti mill-makna waqgħet fuq saba' ta' id il-leminija tal-attur u wara diversi operazzjonijiet dan kellu jiġi amputat. Bħala konsegwenza tal-inċident l-attur spiċċa tilef għal kollox l-użu ta' idu l-leminija, l-id dominanti tiegħu.

5. L-attur jidhirlu illi s-soċjetà konvenuta hija weħedha responsabbli għall-inċident hawn fuq imsemmi u kien għalhekk li fetaħ din il-kawża sabiex jitlob illi l-qorti:

> »1. tiddikjara li l-inċident li seħħ fil-11 t'April 2001 fil-lokal tas-soċjetà konvenuta meta parti mill-makna tal-*concrete moulds* niżlet fuq suba' ta' l-attur kien dovut għal difett fl-istess makna u għalhekk tiddikjara li l-imsemmi inċident kienet responsabbli għalih is-soċjetà konvenuta;
>
> »2. tillikwida d-danni kollha skond il-liġi li l-attur sofra u se jsofri b'konsegwenza ta' l-imsemmi korriment;
>
> »3. tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur l-ammont ta' danni hekk likwidati f'terminu perentorju, bl-imgħax legali sal-ġurnata tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-7 ta' Mejju, 2002 kontra s-soċjetà konvenuta li rappreżentanti tagħha ġew inġunti għas-subizzjoni.«

6. Is-soċjetà konvenuta ressqet din l-eċċezzjoni:

> »1. illi d-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjes kontra tiegħu stante illi għal-inċident in kwistjoni is-soċjetà konvenuta ma kella l-ebda ħtija.«

7. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

> »… tiċħad l-eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta li ma kellha ebda ħtija.
>
> »Tiddikjara li l-inċident li seħħ fil-11 t'April, 2001 fil-lokal tas-soċjetà konvenuta kienet responsabbli għalih is-soċjetà konvenuta.
>
> »Tillikwida d-danni kollha skond il-liġi li l-attur sofra u se jsofri b'konsegwenza ta' l-imsemmi korriment fl-ammont ta' €144,675.63.
>
> »Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur dan l-ammont bl-imgħax legali mil-lum sal-ġurnata tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż

inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-7 ta' Mejju, 2002 kontra s-soċjetà konvenuta.

»Spejjeż kontra s-soċjetà konvenuta.«

8. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Huwa dmir ta' min iħaddem illi jipprovdi *a safe system of work*, fejn ikunu eliminati l-perikoli u r-riskji li jistgħu jiġu eliminati, ikunu identifikati u mnaqqsa r-riskji u l-perikoli li ma jistgħux jigu eliminati għal kolllox, ikun hemm sistema ta' sorveljanza biex ikunu identifikati u mibdula pratiċi ħżiena ta' xogħol, u jkunu stabbiliti proċeduri għall-ħarsien tas-saħħa u l-inkolumita` ta' min ikun fuq il-post tax-xogħol. … … …

»… … …

»… … … is-soċjeta` konvenuta naqset serjament f'dan id-dmir, għal dawn ir-ragunijiet:

»1. Ma għamlitx dak li kien meħtieġ biex il-proċedura korretta għall-bdil tal-forom tkun magħrufa sew u invarjabbilment applikata minn kull min kellu jagħmel jew ikun imqabbad jagħmel dan ix-xogħol. Dwar dan il-periti tekniċi qalu hekk:

> »"Changes in design bring about responsibilities associated with new methods of work, however, innovations when introduced to the workplace, must not increase the worker's risk associated with injury."

»L-esperti kienu tal-fehma wkoll illi kien hemm:

> »"• unclear designation of duties as to who should put in the safety beams underneath the mould when the mould was to be changed;
>
> »"• unclear and precise method statement as to how the mould is to be changed. This being more pronounced during the inquest.

»2. Qabbdet lill-attur jgħin fil-bdil tal-forom meta ma kienx ingħata t-taħriġ u l-istruzzjonijiet preċiżi meħtieġa biex dan ix-xogħol ikun jista' jagħmlu sew u bla perikolu. Dwar dan il-periti tekniċi qalu hekk:

> »"Within the parameters of changing moulds lies the responsibility of assigning personnel conversant with the job. Moulds are not changed *ad hoc* by personnel that are around and available. These works are carried out by personnel conversant with the job."

»Fil-fatt l-attur xehed hekk:

> »"Then I did not know that you had to place wooden beams under the moulds. I did not know what they are there for. Now I know that they are there to stop the machine from falling.

»Anke Johann Farrugia, *manager* tas-soċjetà konvenuta, stqarr illi l-attur kien jagħmel biss "xogħol ġenerali" , u evidentement għalhekk

ma ngħatax l-istruzzjonijiet preċiżi meħtieġa minħabba fil-modifikazzjoni tal-magna.

»3. Ippermettiet illi "*over a period of time of wrong use*" ma jitħarsux il-proċeduri u hekk il-magna saritilha ħsara u saret aktar perikoluża;

»4. Ma kinitx tħalli li jsiru t-tiswijiet li kienu jkunu meħtieġa, biex ma titlifx ħin ta' produzzjoni, u hekk ħalliet li tkompli tintuża magna li potenzjalment saret perikoluża.

»… … …

»Il-qorti taqbel perfettament dwar l-apprezzament tar-responsabbilta' ta' l-inċident da' parti tal-intimata. Infatti l-inċident seħħ meta l-attur kien wieħed jaħdem fuq makna li tagħmel il-*concrete* fil-forom. Fid-diżinn oriġinali tal-makna l-forom kienu jitwaħħlu mal-parti ta' taħt tal-makna b'*self-tapping screws*. Billi, iżda, il-produzzjoni għas-suq lokali hija limitata, u ma huwiex fattibbli li jkun hemm makna differenti għal kull forma differenti, is-soċjetà konvenuta kienet tibdel il-forom flok tuża makna oħra biex tagħmel *concrete* ta' daqs jew għamla differenti. Minħabba f'hekk il-forom ikollhom jinbidlu xi erba' darbiet fil-ġimgħa, li huwa ħafna aktar spiss milli kien maħsub fid-diżinn tal-makna, u għalhekk inħoloq sistema fejn il-forom jitwaħħlu mhux b'*self-tapping screws* iżda b'sistema ta' viti u skorfini (*blots and nuts*).'

»*Safe system of work* u liġijiet:

»Jibda biex jingħad li huwa obbligu ta' min iħaddem biex jipprovdi kundizzjonijiet li jassiguraw is-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol. Dan huwa prinċipju ġenerali li jitfa' obbligu fuq min iħaddem, mhux biss f'każ ta' fabbriki, makni jew oġġetti oħra innominati, iżda biex jipproteġi lill-ħaddiema anke minn att ta' terz, bħal per eżempju azzjoni ta' xi ħaddiem ieħor jew terza persuna. Il-post tax-xogħol għandu jkun ħieles minn kull periklu għas-saħħa u sigurta' sa fejn raġjonevolment prattiku. Għandu jkun ħieles minn sogri bla bżonn għas-saħħa u minn perikli li jistgħu jiġu evitati għall-inkolumità fiżika u psikoloġika ta' l-impjegati. Infatti f'dan it-tip ta' kawżi, azzjoni ma tkunx bażata biss fuq il-prinċipji ġenerali tar-responsabbilta' *aquiliana* kif tirriżulta mill-Kap. 16 art. 1032, iżda wkoll minn liġijiet statutorji viġenti fiż-żmien ta' meta jsir l-inċident.

»L-Ordinanza Dwar il-Fabbriki (Kap. 169) kienet tirregola diversi aspetti ta' saħħa u sigurta' tal-ħaddiema. L-Att VII ta' l-1994 (L-Att bit-titolu Promozzjoni tas-Saħħa u Sigurta' Fuq ix-Xogħol) (Kap 367) ħa post l-Ordinanza Dwar il-Fabbriki, iżda bis-saħħa ta' l-artikolu 18(2) ta' l-Att, ir-regolamenti kollha li kienu bis-saħħa tal-Kap. 169 baqgħu fis-seħħ anke wara r-revoka tal-Kap 169. Fost l-Avviżi Legali l-aktar importanti li baqgħu fis-seħħ meta sar l-Att VII ta' l-1994 kien hemm ir-Regolamenti ta' l-1986 dwar il-Fabbriki (Saħħa, Skansar u Ħsieb Ġenerali – Avviż Legali 52 ta' l-1986). F'dawk ir-regolamenti l-artikolu 49(3) kien jelenka d-doveri ta' l-*employers* favur l-impjegat u senjatament is-subartikoli *a*, *f*, *g* kif ukoll is-subartikolu 4. Fl-artikolu 50 hemm elenkati d-dmirijiet ta' l-impjegati.

»L-Att XXVII ta' l-2000 (Kap. 424) dwar l-Awtorità dwar is-Saħħa u Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol daħal fis-seħħ in virtu' ta' l-Avviż Legali 121 ta' l-2001 (li permezz tiegħu ġie stabbilit it-3 ta' Mejju bħala d-data meta d-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III (artikolu 8 sa 14) ta' l-Att bdew iseħħu), u ta' l-Avviż Legali 9 ta' l-2002 (li permezz tiegħu ġiet

stabbilita d-data tad-29 ta' Jannar 2002 bħala d-data meta d-dispożizzjonijiet kollha li jifdal ta' dan l-Att għandhom jidħlu fis-seħħ), u b'hekk l-Att VII ta' l-1994 (Kap 367) ma baqax *in vigore*.

»L-artikolu 6(1) tal-Kap. 424 – L-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol jgħid li:

> »"Min iħaddem għandu dejjem jiżgura s-saħħa u s-sigurta' tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem."

»L-artikolu 6(2) ta' l-istess Kap. 424 jindika l-miżuri li għandhom jittieħdu minn min tħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikolġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol, liema miżuri għandhom jittieħdu fuq il-bażi tal-prinċipji ta' prevenzjoni msemmija fil-liġi stess. Fil-każ odjern, ma jirriżultax li s-soċjetà intimate ħadet imqar xi waħda minn dawn il-prekawzjonijiet.

»Inoltre permess ta' l-artikolu 9 tal-Kap 452, id-dispożizzjonijiet tal-Kap 424 u r-regolamenti viġenti bis-saħħa ta' l-istess Kap 424 jagħmlu parti mill-kundizzjonijiet ta' l-impjieg ta' l-impjegati (ara artikolu 6 tal-Kap 424).

»*Safe system of work* u ġurisprudenza:

»Fis-sentenza fl-ismijiet <u>Paul Grech *vs* Carmelo Bugeja *et*</u> deċiża fid-9 ta' Ottubru, 2006 minn din il-Qorti kif presjeduta ngħad:

> »"Id-doveri ta' sid ta' entrapriża biex iħares is-saħħa ta' l-impjegati tiegħu huma li:
>
> »"A. il-ħaddiema għandhom jaħdmu f'post tax-xogħol li ma jkunx perikoluż taħt ċirkostanzi tat-tip ta' xogħol (*safe place of work*);
>
> »"B. il-mod kif isir ix-xogħol (bħala sistema) m'għandux ikun wieħed perikoluż (*safe system of work*); hemm erba' elementi li jirrendu a system of work unsafe –
>
> *»"a. that the defendant's operations involved a risk of injury which was reasonably foreseeable;*
>
> *»"b. that there were reasonably practicable means of obviating such risk;*
>
> *»"c. that the plaintiff's injury was caused by the risk in question;*
>
> *»"d. that the failure of the defendant to eliminate the risk showed a want of reasonable care for the plaintiff's safety;*
>
> »C. il-fatt li l-mod kif isir ix-xogħol ilu stabbilit għal żmien twil ma jfissirx neċessarjament li s-sistema hija neċessarjament waħda li ma fihiex periklu;
>
> »D. il-ħaddiema jkollhom għodda li ma twassalx għal perikolu (*safe tools and proper machinery*);
>
> »E. il-ħaddiema għandhom ikunu mgħallma tajjeb għat-tip ta' xogħol li qed jagħmlu (*properly skilled workers*);
>
> »F. min iħaddem m'għandux iqabbad lill-ħaddiema tiegħu jagħmlu xogħol li mhux soltu jagħmlu u li għalih ma kellhomx taħriġ; hu importanti wkoll li wieħed jara kemm ilu jaħdem f'dak it-tip ta' xogħol il-ħaddiem;
>
> »G. ir-responsabbilta' tas-sid tiżdied jekk il-ħaddiem jirrileva xi perikolu involut u s-sid jinjora dan il-fatt;

»H. il-ħaddiema ma għandhomx ikunu traskurati b'mod li jżidu l-perikolu;

»I. kull min jimpjega ħaddiema għandu l-obbligu li jonora l-liġi ġenerali tal-pajjiż".

»Fil-kawża fl-ismijiet Armando Caruana *vs* Filomenu Pace deċiża minn din il-qorti kif presjeduta, fid-19 ta' Ġunju 2007, saret referenza għall-kawża Grezzu Scicluna *vs* C. Cini & Sons Limited, deċiża fis-27 ta' Lulju 2006, fejn kien ġie ċitat Whincup mill-ktieb *Modern Employment Law*, fejn kien hemm elenkati erba' prinċipji bażiċi. Dawn huma:

»"1. the employer must ensure that the employee knows the dangers.

»"2. the employer must ensure that the employee knows the precautions to be taken against these dangers

»"3. the employer must ensure that the precautions are available,

»"4. the employer must ensure that the employee knows these precautions are available."

»Kif tajjeb osservat l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawża Bugeja *vs* Montanaro Gauci, deċiża fl-14 ta' Mejju, 2004:

»"huwa daqstant importanti fil-kuntest ta' responsabbilità li l-ambjent kollu fejn jaħdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-iċken possibilità ta' infortunji fuq ix-xogħol. Dan l-obbligu huwa ġeneralment rikonoxxut bħala dmir tal-employer li jipprovdi '*a safe place of work*'"

»Ukoll fil-kawża deċiża minn din il-qorti per Imħ. D. Scicluna fil-kawża fl-ismijiet Grezzju Portelli *vs* Godfrey Leone Ganado għan-nom ta' l-Enemalta Corporation et deċiża 15 ta' Diċembru, 2005 ingħad li:

»"Kwantu mbagħad għat-Telemalta, kull employer huwa obbligat jipprovdi *a safe system of work*. Hawn, in-nuqqasijiet tat-Telemalta huma evidenti: la kienet tipprovdi xi forma ta' *safety equipment*, ma ntalbitx is-sospensjoni tad-dawl sakemm isiru x-xogħlijiet u lanqas kienet tipprovdi training adegwat għal xogħol li talvolta setà jkun perikoluż (għalkemm f'dan il-każ l-attur kien ilu jaħdem f'dan ix-xogħol madwar tnax-il sena u għalhekk kellu esperjenza sostenzjali tant li mill-provi rriżulta li qatt ma kellu inċidenti oħra)."

»L-istess prinċipju nsibuh fil-kawża Gauci *vs* Korporazzjoni Enemalta, deċiża fl-10 ta' Ottubru, 2006 fejn ingħad:

»"qabel ma jintbagħat ħaddiem jaħdem fuq sit, minn iħaddem għandu obbligu "li tagħmel eżami jew spezzjoni sempliċi sabiex tara minn qabel li l-post u l-ambjent fejn ikun ser isir ix-xogħol huwa wieħed safe"."

»Kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-20 ta' April, 2007, Imħallef Dr. T. Mallia, fil-kawża fl-ismijiet Mayer Scicluna *et vs* T.N. Waterproofing Limited:

»"Din il-qorti diversi drabi wkoll saħqet fuq il-ħtieġa ta' superviżjoni (Agius *vs* All Services Ltd, deċiża minn din il-qorti fit-2 ta' Ġunju, 2005), u f'dan il-każ dan kien meħtieġ mhux biss biex jiġi assikurat li l-lant tax-xogħol kien *safe*, iżda biex jassigura wkoll li l-ħaddiema jużaw l-apparat kollu fornit lilhom."

»Ukoll issir referenza għall-kawża tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija *vs* Attard, deċiża fit-2 ta' Settembru, 1999 fejn intqal:

> »"min iħaddem mhux biss għandu jara li jkun hemm *available* apparat ta' *safety*, iżda għandu jinsisti mal-*foreman* li ma jsirx xogħol mingħajr l-użu ta' l-apparat, u jara li din l-ordni tiġi segwita."

»F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li l-prinċipji li jirregolaw ir-responsabbilta' ta' sid ta' intrapriża biex iħares is-saħħa ta' l-impjegati tiegħu huma ben stabbiliti fil-ġurisprudenza. Fil-kawża Ingliża Wilsons & Clyde Coal Co. Ltd *vs* English, House of Lords, 1937, Lord Maughaw osserva:

> »"In the case of employments involving risk..... it was held that there was a duty on the employer to take reasonable care, and to use reasonable skill, first to provide and maintain proper machinery, plant, appliances and works, secondly, to select proper skilled persons to manage and superintend the business and thirdly, to provide a proper system of working."

»Fil-kawża fl-ismijiet John Sultana *vs* Francis Spiteri *et noe* deċiża fit-28 ta' Mejju 1979, il-Qorti tal-Kummerċ spjegat illi min iħaddem għandu "d-dover li jara li l-post tax-xogħol ikun dejjem fi stat raġonevoli ta' sikurezza għal min ikun qed jaħdem". L-obbligazzjonijiet prinċipali ta' min iħaddem huma mhux biss li jipprovdu "*safe tools*" u "*a safe system of work*", imma xejn anqas minn "*a safe place of work*". Dan il-prinċipju ġie ribadit diversi drabi mill-qrati tagħna ... ... ...

»Hawnhekk, ta' min jikkwota lil Goddard L.J.:

> »"not merely to warn against unusual dangers known to them … but also to make the place of employment ... as safe as the exercise of reasonable care would permit. … The duty is owed to each individual servant individually." (p.1035).

»Fil-ġurisprudenza nostrana, ġie ritenut kemm-il darba li huwa l-obbligu ta' min iħaddem biex jipprovdi kundizzjonijiet ta' xogħol li jassiguraw is-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol tiegħu. Fi Schembri *vs* Caruana *noe*, deċiża mill-Prim'Awla fit-12 ta' Jannar 1983, ingħad:

> »"wieħed irid jikkonsidra l-atmosfera fil-post tax-xogħol, id-diffikultajiet li jsib il-ħaddiem fil-każ tax-xogħol tiegħu, il-ħinijiet twal, l-għaġla fix-xogħol, nuqqas ta' għajnuna minn ħaddiema oħra li jkunu inkarigati biex jaħdmu miegħu fuq dan ix-xogħol; dawn huma kollha fatturi li min iħaddem irid jikkunsidra meta jkun qed jippjana l-lant tax-xogħol u joħloq dak li komunament hu msejjaħ *a safe system of work*."

»Inoltre, ġie indikat li min iħaddem għandu l-obbligu u d-dmir li jipprovdi sorveljanza adegwata sabiex l-ambjent tax-xogħol ma jkunx konduċenti għal kwalunkwe forma ta' inċident li jippreġudika lill-impjegati tiegħu ... ... ...

»Ukoll, fil-kawża Grech *vs* Ellul deċiża mill-Prim'Awla Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 1996, intqal:

> »"It is the duty of every employer to take all reasonable care for his employee's safety in all circumstances at their place of work."

»... … …

»Dwar is-sinifikat tal-kliem *reasonably practicable*, il-qorti tirreferi għas-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-11 ta' Jannar, 2007 fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija *vs* Angelus Bartolo fejn intqal:

> »"seems to imply that a computation must be made by the owner in which the quantum of risk is placed on one scale and the sacrifice involved in the measures necesary for averting the risk (whether in money, time or trouble) is placed in the other and that if it be shown that there is a gross disproportion between them – the risk being insignificant in relation to the sacrifice – the defendants discharge the onus on them. The onus of proving that it is not reasonably practical to provide a safety measure is on the person whom the duty is imposed." ...

»Illi fil-kawża Luana Deguara vs Judas (Guido) Taddeo sive Edwin Scicluna *et* (Appell Ċivili numru 105/2002), deċiża wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-3 ta' Frar 2009, ingħad illi "Dwar l-operat ta' l-attriċi, din il-qorti tinnota illi hija kienet qed taġixxi skond l-ordnijiet tal-*employer* tagħha, u ma għamlet xejn li seta kkontribwixxa għall-inċident …"

»Illi min iħaddem hu tenut jadotta l-miżuri kollha idoneji biex jittutela lill-impjegati tiegħu. Fis-sentenza ġja ċitata supra ta' Paul Debono *vs* Malta Drydocks, ingħad li:

> »"Jekk l-impjegat jirnexxilu jassolvi tali oneru tan-nuqqas ta' miżuri adegwati ma għandux għalfejn, *stricto jure*, jiddemostra s-sussistenza tal-kolpa tal-prinċipal inadempjenti. Jinkombi fuq dan ta' l-aħħar li juri li l-event leżiv seħħ minħabba fatt mhux imputabbli lilu;"

»Min iħaddem jista' jonqos mid-dmirijiet tiegħu jekk, kif jikteb Minkman fil-ktieb tiegħu *Employers' Liability At Common Law* (*7th Edition, Butterworths* pg 129) jekk:

> »"1. It may be that the employer has done nothing at all to carry out his obligation.
>
> »2. In the second place, the employer may have been informed of a defect or danger and doing nothing to remedy it.
>
> »3. Thirdly the employer knowing of a defect on his plant or premises or of a danger in the course of the work may have taken inadequate measures to eliminate and reduce the risk.
>
> »4. Fourthly though the employer does not know that anything is wrong it may be that he ought to know – that is, he could have found out by reasonable care."

»Dwar x'jagħmel *unsafe system of work* jingħad li dawn jistgħu jiġu elenkati b'dan il-mod:

»1. jekk min iħaddem ikollu xogħol li jinvolvi riskju ta' korriment li wieħed setà raġonevolment jarah minn qabel;

»2. li kien hemm mezzi normali li dan ir-riskju jiġi eliminat;

»3. li l-korriment tal-vittma kien kawżat mir-riskju fuq imsemmi;

»4. illi n-nuqqas ta' min iħaddem li jelimina r-riskji juri n-nuqqas ta' kura raġonevoli għas-sigurta' tal-vittma.

»Illi l-awtur Francesco Ricci (*Corso Teoretico – Pratico di Diritto Civile* (*UTET*, 1912) Vol. VI, 85 p. 113) jgħid illi l-għemil li jista' jirriżulta fi ħtija:

> »"…non deriva soltanto dai fatti, ma anche dai non fatti; onde io non solo sono in colpa quando faccio quello che non avrei dovuta fare, ma sono in colpa pur anco quando ometto a trascuro di far ciò che avrea dovuto fare".

»Minn dan jitnissel ċar li l-employer għandu l-obbligu li jipprovdi *safe place of work*, *safe system of work* li telimina l-periklu, li jkun hemm mezzi li jneħħu jew inaqqsu l-periklu, li jipprovdi l-ilbies kollu neċessarju kif ukoll tagħmir għal *safety*. Għandu l-obbligu li mhux biss jipprovdi l-ilbies u t-tagħmir l-ieħor iżda jara li fil-fatt dawn jiġu użati mill-ħaddiema kif suppost u li ma jħallix ħaddiema jaħdmu jekk mhux imlibbsin kif suppost. Aktar ma hu speċjalizzat ix-xogħol u aktar ma hu perikoluż, jiżdied il-bżonn ta' taħriġ adegwat. L-*employer* għandu l-obbligu li jgħaddi l-informazzjoni lill-ħaddiema dwar il-mezzi tax-xogħol u għandu l-obbligu wkoll li jagħmel is-sorveljanza li twassal għal sistema *safe*. Irid wieħed jiftakar ukoll li l-fatt li ħaddiema għal żmien twil jagħmlu tip ta' xogħol, mhux neċessarjament ifisser li jispiċċa l-periklu. L-*employer* irid iqis li l-ħaddiema jridu jkunu addestrati tajjeb u li l-ambjent kollu tal-post tax-xogħol ikun kif suppost, mingħajr l-iċken possibbilta' ta' periklu sakemm dan mhux assolutament neċessarju wara li jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha. Iżda l-ħaddiema ma jistgħux jinsew li huma għandhom l-obbligi wkoll li jaraw li jkollhom l-ilbies protettiv, li makni qed jaħdmu tajjeb u li mhux qed jissottomettu lilhom infushom għal xi periklu esaġerat. Huma għandhom l-obbligu li ma jiħdux riskji żejda u li jinfurmaw lill-imgħallem tagħhom jekk iħossu li hemm xi periklu sproporzjonat. Għandhom l-obbligu li jilbsu l-apparat provvdut lilhom, li jimxu ma' dak li jgħidilhom il-*foreman* u ma' l-elementi li tirrikjedi l-liġi. M'għandhomx jagħmlu xogħol bil-għaġġla li jista' jwassal għall-korriment tagħhom jew għal kollegi fuq ix-xogħol.

»*Lucrum cessans*:

»L-artikolu 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili jistipula kif għandhom jitqiesu d-danni:

> »"Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil setà jġib."

»Għalhekk il-qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża ta' l-egħmil dirett tad-danneġġjant.

»*Multiplier*

»Fis-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta tal-10 ta' Mejju, 2005 fl-ismijiet John u Laura konjugi Ransley *vs* Edward u Lydia konjugi Restall – ċitazz. nru 154/02FS ingħad:

> »"Hawnhekk għandha fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji

> enunċjati fil-kawża Butler *vs* Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Diċembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-"*chances and changes of life*", b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sa l-età tal-pensjoni.

»Iżda l-figura użata għall-iskop tal-*multiplier* mhux dejjem ingħatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem ġew użati l-istess prinċipji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerċ fil-kawża Lambert vs Buttigieg deċiża fit-18 ta' April, 1963 kienet qalet:

> »"f'din il-materja ta' *lucrum cessans* il-qorti għandha tipproċedi b'kawtela kbira peress li l-qliegħ hu ħaġa ta' possibilta' u mhux ta' ċertezza u jkun jista' jonqos minn mument għall-ieħor anke għal kwalunkwe kawża materjali bħal mewt jew mard tad-danneġġjat."

»… … …

»Il-*multiplier* adoperat varja u kien ta' 5 snin fil-każ ta' persuna ta' 53 sena Mizzi *vs* Azzopardi PA 16-Diċ-2004, ta' 15 fil-każ ta' 22 sena Butler *vs* Heard App Ċiv Sup 22-Dec-1967, 15-il sena fuq persuna ta' 24 Gauci *vs* Xuereb PA 29-Ott-1970, ta' 18 fuq persuna ta' 28 sena Camilleri *vs* Polidano PA 1-Ott-1982, ta' 18 fil-każ ta' persuna ta' 42 Bonnici *vs* Gauci PA 15-Sett-1999, ta' 20 fil-każ ta' persuna ta' 34 sena Bugeja *vs* Agius App Ċiv Sup 26-Lul-1991, ta' 20 fil-każ ta' persuna ta' 33 sena Dalmas *vs* Ghigo App Ċiv Sup 5-Frar-1980, ta' 25 fil-każ ta' persuna ta' 30 sena Caruana *vs* Camilleri App Ċiv Sup 27-Feb-2004, ta' 26 fil-każ ta' persuna ta' 35 sena Seisun *vs* Brincat PA 29-Ott-1998, ta' 30 fil-każ ta' persuna ta' 17 Turner *vs* Agius App Ċiv Sup 28-Nov-2003, ta' 30 fil-każ ta' persuna ta' 26 Grima *vs* Penza PA 30-Ġun-2004, ta' 30 fil-każ ta' persuna ta' 23 sena Zammit *vs* Zahra PA 20-Jan-2005, ta' 35 fil-każ ta' persuna ta' 18 sena Sammut *vs* Zammit App Ċiv Sup 3-Diċ-2004, ta' 36 fil-każ ta' persuna ta' 20 sena Mizzi *vs* Azzopardi PA 16-Diċ-2004.

»Dan kollu juri li mhux dejjem ittieħdet l-istess linja ta' *multiplier*. Żgur li ripetutament ġie enfasizzat li s-sistema ta' *multiplier* kif konċepita ma tiħux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-ħajja lavorattiva fit-totalità tagħha …

»Il-qorti tħoss li hemm bżonn ta' ċertu uniformità f'dan l-aspett li naturalment jgħin biex wieħed ikun jaf minn qabel kriterji regolari. Huwa veru li kull każ trid tarah għalih iżda li jkun hemm skeda li l-konsulenti legali u ditti ta' *insurance* ikunu jistgħu jirreferu għaliha tkun ta' utilità kbira. Għalhekk il-qorti kif presjeduta sejra tuża ċ-*chart* hawn taħt:

| Età Vittma | *multiplier* |
|---|---|
| 0-15 | 35 |
| 16-20 | 33 |
| 21-25 | 30 |

| | |
|---|---|
| 26-30 | 27 |
| 31-35 | 22 |
| 36-40 | 18 |
| 41-45 | 14 |
| 46-50 | 11 |
| 51-55 | 8 |
| 56+ | 6 |

»Wara li l-qorti qieset dawn il-fatturi, inkluż l-età tar-rikorrenti meta sar l-inċident – 47 – tqis li għandha tadopera multiplier ta' 13 għall-każ in eżami.

»Paga u għoli tal-ħajja:

»Spiss li l-qrati użaw il-paga minima fejn ma kienx faċli li l-qorti tasal biex tistabbilixxi xi figura oħra. Iżda fil-każ in eżami għandna r-rikorrent kien qed jaqla' salarju *gross average* ta' €10,920 riferibbli għas-sena bażi 2001. Normalment il-paga minima nazzjonali titla' b'€303.78 kull sena. Dan ifisser li kull sena l-paga kienet ser tiżdied b'€303.78 għal 13-il sena [u jekk wieħed jieħu l-medja, dan ifisser il-medja tas-salarju fid-data ta' l-inċident (€10,920) u dak tal-aħħar salarju (€3,949.14 + €10,920 = €14,869.14) ossia €10,920 + €14,869.14 / 2 = €12,894.57] u jwassal għal €12,894.57.

»Diżabilità:

»Hawnhekk il-qorti trid tqis il-persentaġġ ta' diżabilità li ssofri l-vittma bħala konsegwenza ta' l-inċident, b'mod li tqis in-nuqqas fl-*individual industrial efficiency* ta' l-attur. Infatti, kif ġie ritenut f'<u>Butler *vs* Heard</u>:

> »"Dak li jrid jiġi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapaċità f'sens purament mediku, iżda l-effett li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tad-danneġġjat. Ir-riduzzjoni effettiva tal-qligħ tista' ma tikkorispondix mal-grad ta' menomazzjoni fiżika tad-danneġġjat kalkolat mit-tabib."

»… … …

»Kif ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Jannar 1973 fil-kawża <u>Borg *pro et noe vs* Muscat</u>:

> »"l-iskop tal-ħlas tad-danni huwa dak li terġa' tpoġġi lil min ikun soffrihom fil-posizzjoni daqs li kieku huwa ma ġralu xejn"

»U għalhekk il-prinċipju applikabbli huwa <u>restitutio in integrum</u>.

»Fil-kawża fl-ismijiet <u>Paul Debono *vs* Malta Drydocks</u> (ċit. nru 747/96 PS), deċiża fis-27 ta' April 2005 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili per Imħallef Philip Sciberras, ingħad:

> »"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna ispirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi t-telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi mbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-qorti biex, valjati ċ-ċirkustanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' l-inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata, tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, pero', il-metodu

> ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

»Issa, hu ċar ukoll li a bażi tal-liġi tagħna kwantifikazzjoni tad-danni bil-fors tibqa' f'latudini wiesgħa u diskrezzjonali tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, u għalkemm jeżistu prinċipji dawn ċertament ma humiex assoluti …

»…

»*Personal injuries* huma normalment klassifikati fi tliet kategoriji u cioe':

»a) *total wreck cases* fejn tirriżulta inkapaċità kompleta għax-xogħol (*eg. severe brain injury*),

»b) *partial wreck cases* fejn il-persuna kollha tkun affettwata iżda b'differenza mill-kategorija preċedenti tibqa' l-kapaċità li taħdem u tgawdi l-ħajja (*eg. brain injuries resulting in personality change and multiplie injuries with grave disfigurement*),

»c) telf ta' partijiet speċifiċi tal-ġisem.

»Inoltre kif intqal fis-sentenza Peter Sultana *vs* Anthony Abela Caruana, Appell Ċivili, 15 ta' Jannar 2002:

> »"Ma hemmx għalfejn jingħad li d-debilità permanenti ma kienx neċessarju li tkun waħda fiżika li timmenoma persuna fil-possibiltajiet tiegħu ta' xogħol minħabba limitazzjoni fil-funzjoni ta' xi organu. Setgħet ukoll tkun debilità psikika li timmanifesta ruħha f'kundizzjoni li negattivament tinfluwenza l-kapaċità għax-xogħol ta' l-individwu…"

»Prinċipju ieħor ta' importanza kardinali hu dak li ħareġ minn dak fuq kwotat f'Butler *vs* Heard fejn ingħad:

> »"iżda l-effett li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tad-danneġġjat"

»Huwa loġiku li telf ta' subgħa għal persuna normali huwa każ differenti minn telf tiegħu għal pjanista; bl-istess mod, telf ta' għajnejn għal pilota huwa aktar serju għal skop ta' *lucrum cessans* minn telf f'każ ta' persuna normali.

»Aspett ieħor importanti hija l-komputazzjoni f'każ ta' *multiple injuries* u s-sistema li jintuża biex jinħadem.

»Lord Justice Morris, fil-kawża Scott *vs* Musial, stqarr:

> »"The fixation of damages is so largely a matter of opinion or of impression that differences of calculation or assessment are to be expected. There is to some extent an exercise of judicial discretion."

»L-awtur Munkman fil-ktieb tiegħu *Damages for Personal Injuries and Death* jispeċifika li:

> »"One method of assessment is to consider the sort of figure awarded for total incapacity, and estimate how far the case falls short of total incapacity; another approach is to see how the disability compares with the loss of a leg or other limb."

»Fil-kawża deċiża minn din il-qorti, per Imħallef G. Valenzia fit-30 ta' April 2001, fl-ismijiet Joseph Bartolo *et vs* George Zammit, il-qorti għaddet id-diżabilità relativa għan-nuqqas ta' togħma u xamm (20%), *post concussional syndrome* (5%), possibbilta' epilepsija (9%), telf ta' vista (12%) u *disfigurement* (2%), total ta' 48%. Fis-sentenza Saviour Sammut *et vs* Robert Demanuele, 326/98GV deċiża fit-12 ta' Lulju 2002 per Imħallef G. Valenzia, il-qorti wkoll għaddet flimkien it-18% riferibbli għall-ksur fin-naħa tal-lemin tal-pelvis mal-20% tan-nuqqas fil-vista u waslet li t-38% jirrappreżenta grad ta' inkapaċità li jirrispekkja telf ta' indipendenza konsegwenti għal danni li l-attriċi sofriet fil-vista u f'riġlejha.

»Fis-sentenza Paul Bottone *et noe vs* Rita Saliba et, deċiża fis-7 ta' Jannar 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Imħallef Ray Pace, f'paġna 15 ingħad:

> »"Illi l-kwistjoni li jifdal hija jekk dawn iż-żewġ persentaġġi ta' diżabilità fiżika (8%) u dik psikoloġika (21.42%) għandhomx jingħaddu flimkien biex jirriżulta persentaġġ wieħed jew jekk jitteħidx *average*. Din il-qorti tagħżel li ma tgħoddx iż-żewġ persentaġġi flimkien imma li tagħti persentaġġ wieħed li jikkomprendi t-tnejn u fil-każ odjern tħoss li l-persentaġġ ta' diżabilità permanenti għandu jkun ta' 25%."

»Fil-kawża fl-ismijiet Xuereb *vs* Spalding *et*, deċiża mill-Prim'Awla, Imħallef J. R. Micallef, fl-10 ta' Lulju 2003, ċitazz. nru 1857/01JRM, il-perċentwali ta' diżabilità stabbilit mill-qorti kien dak *weighted* f'perċentwali globali.

»Fil-kawża fl-ismijiet Maria Debono *vs* Andrew Vaswani, ċitazz. nru 48/94, deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003 mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, per Imħallef Philip Sciberras, fir-relazzjoni peritali kien intqal li l-persentaġġ ta' diżabilità ta' 18% ta' snien jew xedaq kien ġie assommat ma' dak ta' l-24% għal ġrieħi fil-wiċċ skond l-espert dentali u b'hekk laħħaq 43%. Hawn il-qorti f'paġna 8 qalet:

> »"Sewwa irrilevat l-attriċi fin-nota responsive ta' sottomissjonijiet taħgha illi ż-żewġ esperti ma għamlu l-ebda *overlapping* billi l-wieħed 'eskluda kwalunkwe konsiderazzjoni ta' snien jew xedaq' fl-evalwazzjoni tiegħu, mentri l-ieħor attribwixxa perċentwali ta' diżabilità 'li jkopri biss il-wiċċ'."

»Għalhekk jidher li minħabba diskrezzjoni mħollija f'idejn il-ġudikanti, diversi qrati u awtoritajiet taw sistemi diversi ta' kif jinħadem il-valur kombinat meta l-vittma tbati minn diversi persentaġġi ta' diżabilità relativi għal diversi *injuries* jew *impairment ratings*.

»Il-qorti trid teżamina l-aspett ta' *lucrum cessans* u *combined values* meta tiġi biex tistabbilixxi l-persentaġġ ta' diżabilità totali ta' persuna jekk bħala kawża ta' l-inċident ikunu irriżultaw diversi *injuries* (*impairment ratings*). Infatti wara li jiġu stabbiliti l-*impairment ratings* għall-kundizzjonijiet kollha kawża ta' l-inċident, fil-fehma tal-qorti kif presjeduta ma tasalx għal perċentaġġ ta' disabilità billi tgħodd l-*impairment ratings* f'daqqa, iżda billi tuża l-formula taħt imsemmija. Din hi bażata fuq il-prinċipju ta' "*whole person impairment*" u li tgħaqqad flimkien id-diversi *ratings* kif modifikati, tibda bl-akbar u taħdem it-tieni fuq ir-rimanenti; u tibqa' dejjem miexi hekk.

»Dan iwassal għall-applikazzjoni tal-formula segwenti:

»Valur kombinat ta' A u B = A + B (1 – A/100) irrontondat għall-aktar *integer* viċin. Bl-istess mod jekk ikun hemm *impairment ratings* oħra, dawn jiġu maħdumin bl-istess sistema, u cioe' billi tapplika l-persentaġġ fuq ir-*remaining capacity*.

»Mir-rapport mediku ta' Mr Apap Bologna jirriżulta li d-diżabilità preżenti ta' l-attur hija ta' 40%; u tal-Prof Peter Muscat ta' 70%. Permezz tal-formula fuq użata, wieħed irid jasal għal valur kombinat ta' 40 + 70 (1 – 40/100) u cioe 82%.

»D8. *Lump Sum Payment*:

»L-ammont dovut ikun irid jitnaqqas minħabba l-*lump sum payment* b'ammont ekwivalenti għal 20% meta jkunu għadda żmien qasir mill-event damnuż u s-sentenza finali … Fil-kawża Caruana *vs* Camilleri PA 5 ta' Ottubru, 1993 il-qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skond kemm iddum il-kawża:

> »"jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction" – Agius *vs* Fenech 29 ta' Ottubru, 2003."

»Fil-kawża Mizzi *vs* Azzopardi PA 16-Diċ-2004 is-somma ġiet ridotta bi 18% għax kienu għaddew tliet snin, waqt li fil-kawżi Spiteri *vs* Zammit Tabona App Ċiv Sup 16-Mar-1999 u Caruana A *vs* Camilleri O App Ċiv Sup 27-Frar-2004, minħabba li għaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% ġie mnaqqas ukoll fil-kawża Galea *vs* Piscopo PA 3-Ott. 2003, 5% f'Scicluna *vs* Meilaq PA 16-Lul-2001 u 0% fil-kawżi Turner *vs* Agius App Ċiv Sup 28-Nov-2003, Bonnici *vs* Gauci PA 15-Sett-1999 meta għaddew 15-il sena, f'Zammit *vs* Zahra PA 20-Jan-2005 meta għaddew 17-il sena, u Schembri *vs* Caruana Kum 20-Apr-1990 meta għaddew 19-il sena.

»Iżda għall-każ in eżami l-inċident ġara fid-11 ta' April, 2001 u s-sentenza qed tingħata sentejn[1] wara. Fil-fehma tal-qorti jrid ikun hemm tnaqqas ta' 8%.

» Kunsiderazzjonijiet oħra:

»Kunsiderazzjonijiet oħra ta' dan it-tip ta' kawżi bħal kunċett tal-konsum personali, u tad-*dependency* issue ma humiex applikabbli għal dan il-każ.

»Likwidazzjoni ta' l-ammont ta' *lucrum cessans*:

»Għalhekk il-qorti trid issa tillikwida l-ammont dovut.

»I. Il-qligħ medju annwali ta' l-attur (€10,920) inkluż l-għoli tal-ħajja jammonta għal €12,894.57.

»II. Irid jitqies *multiplier* ta' 13. Dan iġib l-ammont ta' €167.629.41;

»III. il-qorti trid tqis il-grad ta' disabilità li f'dan il-każ hu ta' 82% u għalhekk jammonta għal €137,456.12;

»IV. wara jrid jitnaqqas 8% tal-*lump sum payment* u dan iwassal għal bilanċ ta' €126,459.63;

[1] Fil-fatt is-sentenza appellata ngħatat fis-16 ta' Diċembru 2013, tnax-il sena u tmien xhur wara l-inċident, li seħħ fil-11 ta' April 2001.

»*Damnum emergen*s:

»Il-qorti taqbel mal-kwantifikazzjoni tad-*damnum emergens* kif komputata mill-perit legali fl-ammont ta' €18,216.

»Għalhekk meta tgħodd l-ammont dovut bħala *lucrum cessans* ma' dak dovut bħala *damnum emergens*, dan iwassal għall-ammont ta' €144,675.63.

»... … …

»Dwar it-talba għal imgħax il-qorti tirreferi għas-sentenza tagħha fl-ismijiet Maria Lourdes Brincat vs Giuseppe Brincat et (ċitazz. nru 448/87 FS) deċiża minn din il-qorti kif presjeduta fis-17 ta' Marzu, 2010 minn fejn jirriżulta ċar li l-imgħaxijiet huma dovuti mil-likwidazzjoni.«

9. Is-soċjetà konvenuta appellat mis-sentenza mogħtija mill-ewwel qorti b'rikors tat-2 ta' Jannar 2014. Sar ukoll appell inċidentali mill-attur fis-6 ta' Jannar 2014.

10. Nibdew bl-appell tas-soċjetà konvenuta. Fl-ewwel aggravju tagħha ssostni illi l-ewwel qorti waslet għal konklużjoni żbaljata meta ddikjarat li s-soċjetà appellanti hija responsabbli għall-inċident li seħħ fil-11 t'April 2001. Tfisser l-ewwel aggravju tagħha hekk:

»L-Ewwel Aggravju

»7. Illi fl-umli opinjoni tas-soċjetà appellant, l-ewwel onorabbli qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi meta skartat kompletament il-prova illi nġiebet quddiemha illi l-attur illum appellat ma kienx qiegħed isegwi l-prattiċi u l-istruzzjonijiet lilu mogħtija u li l-azzjoni illi wasslet għall-inżul tal-parti tal-makna fuq subgħajh ma kinitx riżultat ta' difett tal-makna in kwistjoni iżda sforz it-traskuraġni tal-istess attur appellat fl-esekuzzjoni tax-xogħol tiegħu.

»8. Illi peress illi n-natura tax-xogħol f'Malta jirrikjedi illi il-*moulds* tal-makna msemmija jinbidlu ta' spiss, is-soċjetà esponenti appellanti kienet għamlet modifika fl-istess makna sabiex minflok il-*moulds* jinbidlu b'sistema ta' viti *self tapping*, dawn jinbidlu b'sistema ta' viti u skorfini peress illi l-frekwenza ta' tibdil tal-*moulds* kienu wasslu sabiex il-viti *self tapping* therrielhom il-kamin tagħhom u ma baqgħux jissikkaw kif suppost.

»9. Illi nġiebet il-prova minn skambju ta' korrispondenza mal-manufatturi tal-istess makna illi l-modifika msemmija kienet waħda illi '*does not jeopardise the operations nor the safety requirements of the machine*'. Illi minn hawn jirriżulta bl-aktar mod ċar u manifest illi l-makna msemmija, kuntrarjament għal kif ippremetta l-attur appellat,

ma kienet kolpita bl-ebda difett u li, aktarx, l-inċident in kwistjoni seħħ unikament minħabba traskuraġni tal-attur appellat.

»10. Illi kif ħareġ mill-provi, l-attur appellat kien mħarreġ sew fl-eżerċizzju tal-bdil tal-forom (*moulds*) tant illi fix-xhieda tiegħu stess xehed ċar dwar il-kronoloġija tal-istadji li jridu jiġu segwiti sabiex isir l-eżerċizzju tal-bdil tal-forom. Illi l-ewwel ħaġa li trid issir qabel ma jibdew jinħallew il-viti minn mal-iskorfini hu illi l-parti tal-makna illi tinżel meta jinħallu l-istess viti trid tiġi ssodata u mserrħa fuq serratizzi tal-injam. Illi din kienet l-ewwel ħaġa illi kull persuna illi ħadem fuq il-makna tal-forom, kif ħadem ħafna l-attur appellat, irid jagħmel qabel ma jibda l-proċess biex jinħallu l-iskorfini illi jkunu qed iżommuhom f'posthom. L-aktar ħaġa bażika. Ad eżempju, jista' xufier ta' vettura qatt jieħodha bi kbira u jitlob riżarċiment talli farrak il-karozza jekk meta jiġi biex jipparkja f'niżla ripida ma jingranax il-vettura f'*gear* u jtella' l-*handbrake*? Illi l-liġi tal-gravità mhix xi kunċett aljen għal persuni ordinarji u jekk wieħed qiegħed iħoll parti ta' makna li qed iżżomm bl-iskorfini u jħoll l-istess skorfini huwa ovvju illi l-konsegwenza naturali tal-ħalla tal-iskorfini huwa t-tneħħija tar-rabta bejn il-vit u l-iskorfina bil-konsegwenza aktar ovvja illi l-parti ta' taħt sejra tinħall mill-parti t'isfel. Illi dan l-inċident qatt ma setà seħħ li kieku Stanton serraħ il-parti tal-makna li tinżel meta jinħallu l-iskorfini fuq l-injam illi kellu ħdejn il-makna u li dejjem intuża għal dan l-iskop. Illi hawn mhux qed nitkellmu fuq makna difettuża għaliex il-makna ma kellha l-ebda difett. Difett minnu nniffsu jippreżumi reazzjoni mhux antiċipata għal azzjoni magħrufa. F'dan il-każ ir-reazzjoni għall-azzjoni tal-attur appellat kienet waħda mhux biss antiċipata iżda waħda li għal għexieren ta' drabi l-attur appellat inniffsu ħaseb għaliha billi qiegħed is-serratizzi taħt il-parti tal-makna illi tinżel 'l isfel wara li jinħallu l-iskorfini illi jżommu l-parti ta' fuq mal-parti t'isfel tal-makna in kwistjoni.

»11. Illi kif jintqal fis-sentenza Calleja *vs* Fino deċiża mill-Onorabbli Qorti Prim'Awla fl-10 ta' Ottubru 1980 ... "*any injury to which the employee has not contribued would be the sole responsibility of the employer*". Illi f'dan il-każ mhux talli John Peter Stanton ikkontribwixxa għall-inċident li permezz tiegħu waqgħet il-parti tal-makna fuq subgħajh iżda talli kien unikament responsabbli għall-inċident.

»12. Aktar minn hekk l-esponenti appellanti tħoss illi l-ewwel onorabbli qorti donnha tagħti x'wieħed jifhem illi kwalsiasi inċident illi impjegat ikollu fuq il-post tax-xogħol għandu jbgħati għalih il-prinċipal bil-konsegwenza illi r-responsabilità ta' min iħaddem donnha xaqilbitha aktar fuq ir-relm ta' s*trict liability* ... ... ...

»13. Illi b'applikazzjoni tas-suddett għall-każ in eżami, l-esponenti jissottomettu illi l-ewwel onorabbli qorti skartat id-dinamika tal-inċident u injorat għal kollox il-kawża illi tat lok (in-nuqqas ta' tqegħid tas-serratizzi taħt il-makna qabel ma jinħallew l-iskorfini) għat-tiġrif tas-saqaf billi lanqas biss daħlet f'analiżi ta' kif seħħ l-inċident u x'kien li wassal għall-istess u għaddiet minflok biex telenka lista ta' miżuri illi fil-fehma tagħha kellhom jittieħdu biex dan l-inċident ma jseħħx. Illi bid-dovut rispett dan kien nuqqas serju da parti tal-ewwel onorabbli qorti peress illi l-esponenti jħossu illi ġie ampjament ippruvat illi li kieku l-attur mexa skond l-istruzzjonijiet li ngħataw lilu u skond il-prattika tax-xogħol illi l-istess attur appellat segwa diversi drabi mingħajr ebda problema u jew inċident simili, dan l-inċident qatt ma kien iseħħ.

»14. Illi jekk wieħed jirreferi għall-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, il-prinċipal u l-ħaddiem għandhom obligazzjonijiet reċiproċi ... ... ...

»15. … … …

»16. Illi fis-sentenza fl-ismijiet Francis Busuttil *vs* Sammy Meilaq *nomine* (Prim'awla, 9 ta' Diċembru, 2002). Il-Qorti qalet illi "... l-attur jeħtieġlu jipprova l-fatt dannuż, l-imputabilità ta' dan il-fatt għal min ikun ikkaġunalu d-danni, u l-event dannuż emerġenti minn dan l-istess fatt. Il-qorti għalhekk jeħtiġilha teżamina attentament il-provi biex tara jekk l-attur iddisimpenjax ruħu biex jissodisfa dawn l-elementi u fuq kollox u fl-ewwel lok irnexxielux jipprova konkludentement il-ġustifikazzjoni li hu javvanza biex jakkolla l-ħtija fuq il-konvenut ...". Illi applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, l-esponenti tħoss illi l-attur appellat naqas milli jipprova illi l-event dannuż emerġa minn azzjoni attribwibbli lilha anzi ippruvat illi għall-inċident *de quo* kien jaħti unikament l-istess attur appellat.

»17. Illi fis-sentenza fl-ismijiet Francis Buhagiar *et vs* Segretarju tal-Uffiċċju tal-President tar-Repubblika *et* deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Ċivili, Superjuri) fid-29 ta' Mejju, 2009 (App. nru 639/2004) l-Onorabbli Qorti tal-Appell ikkonfermat sentenza tal-ewwel onorabbli qorti illi billi tefgħet il-ħtija tal-inċident mertu tal-kawża fuq l-impjegat. Illi in suċċint, l-attur kien korra u weġġa' fuq ix-xogħol meta dan, waqt li kien qed jaħsel l-art tal-kċina tal-Palazz tal-President, żelaq, għola minn saqajh u ġie fuq daru. L-attur kien jaħdem bħala kok fil-Palazz tal-President u kien qed jikkontendi li l-ħasil ta' l-art ma kienx kompitu tiegħu. Għalhekk, għad-danni permanenti minnu sofferti ħarrek lill-*employer* tiegħu għar-riżarċiment ta' danni. Illi kuntrarjament għal dak li allega l-attur, it-tindif tal-kċina kien ilu jsir mill-koki tal-palazz żgur mill-1994, u ż-żamma tal-iġiene fil-kċina kienet ukoll fost id-*duties* tal-kok skond il-ftehim kollettiv u ma rriżultax li l-attur kien qed jagħmel xogħol barra mid-doveri tiegħu. Biex taħsel l-art, hemm bżonn li l-art tiġi mxarba bl-ilma, u peress li kulħadd jaf li art imxarba, ftit jew wisq, tiżloq, sta għal min ikun qed jaħsel l-art biex joqgħod attent. Ix-xogħol ta' ħasil tal-art mhux xi xogħol kumplikat, jew fih innifsu perikoluż li jeħtieġ superviżjoni, iżda hu xogħol li fih, min ikun qed jagħmlu, irid juża dak il-minimu ta' attenzjoni li hu soltu juża fi ħwejjeġ tiegħu stess. Hu mistenni li min ikun qed jagħmel dan ix-xogħol, tal-anqas, juża dik l-attenzjoni li soltu juża *quam in suis rebus*, u jekk jinjora anke dan il-minimu ta' obbligu, ma jista' jwaħħal f'ħadd jekk mhux fih innifsu.

»18. Huwa veru, qalet il-qorti, illi min iħaddem hu obbligat ukoll li jipprovdi kontra l-aljenazzjoni tal-attenzjoni, prudenza u għaqal li jaqgħu fiha l-ħaddiema u li ħafna drabi hi indotta mill-istess natura tal-attività industrijali, iżda wkoll huwa dejjem obbligu tal-ħaddiem li joqgħod attent waqt l-eżekuzzjoni ta' xogħolu. Għalhekk il-qorti kompliet illi ladarba ma sabet l-ebda kontribuzzjoni għall-inċident f'min iħaddem, u dak li kien ġara seħħ biss konsegwenza tan-nuqqas tal-attur li juża dak il-minimu ta' attenzjoni mistenni minnu, għaddiet sabiex ċaħditlu t-talbiet tiegħu. Il-grad ta' responsabilità ta' min iħaddem hu wieħed għoli u ħafna hu mistenni minnu biex jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema tiegħu, pero', mhix assoluta u lanqas ma hi indipendenti minn xi forma ta' nuqqas li jrid jiġi attribwit u ippruvat fil-kuntest ta' min iħaddem. Ir-responsabilità, fis-sistema tagħna, hi *fault based*, u, fin-nuqqas ta' prova ta' negliġenza

fil-konfront tal-konvenut, din il-qorti ma tistax takkoljih bir-responsabilità għall-inċident.

»19. Illi inoltre, billi is-sistema ġuridika tagħna ma tipprospettax it-teorija ta' *strict liability* fejn min jimpjega jagħmel tajjeb għad-danni subiti mill-impjegat tiegħu indipendentement mill-ħtija tal-istess impjegat, kif ġie ritenut f'pajjiżi esteri, in kwantu l-liġi tagħna teħtieġ l-element ta' negliġenza fl-intervent attiv jew passiv ta' min jimpjega, il-kwistjoni tar-responsabbilta' ta' min iħaddem għandha tkun bażata fuq nuqqasijiet li jistgħu jwasslu għal dikjarazzjoni ta' responsabbilità.

»20. Illi fis-sentenza tagħha, l-Onorabbli Qorti tal-Appell irrimarkat "illi lanqas ma tista' din il-qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-atturi li darba li ġie stabbilit li l-attur weġġa' fuq il-lant tax-xogħol u fil-kors ta' dmirijietu, allura teżisti xi forma ta' *strict liability* jew "responsabbilità oġġettiva" li tpoġġi lill-imgħallem li jagħmel tajjeb – billi jerfa' r-responsabbilità – tas-sinistru li jkun seħħ. Kif tajjeb ġie elaborat mill-ewwel qorti, is-sistema legali tagħna dwar responsabbilità fejn jirriżulta event dannuż hija *fault-based*. Fi kliem ieħor, f'kull każ irid ikun hemm *nexus* ta' bejn il-kawża u l-effett għal dak li jkun ġara".

»21. Hekk ukoll fil-kawża fl-ismijiet Joseph Agius *noe et vs* All Services Limited deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Ċivili, Superjuri) fil-5 ta' April, 2008 (App Ċiv. nru 1809/2001) l-ewwel qorti kienet elenkat numru ta' fatturi illi jekk eżistenti u sodisfatti minn min qed jirreklama riżarċiment tad-danni, jpoġġu lill-*employer* fl-obbligu li jirriżarċixxi tali danni. Dawn huma s-segwenti: (a) *the question of likelihood or otherwise of injury*; (b) *the potential seriousness of the injury*; (ċ) *the obviousness of the dange*r; (d) *the cost of safety*; (e) *the inherent risk factor,*

»22. Il-qorti kienet ta' l-opinjoni li l-vittma kkontribwixxa għall-akkadut minħabba xi aġir azzardat tiegħu li kompla aġjevola l-event sinistru. Għalhekk apporzjonat il-ħtija billi addebitat terz (1/3) tar-responsabbilità fuq id-*decuius*. Is-soċjetà konvenuta appellat mis-sentenza ta' l-ewwel qorti u l-aggravji tagħha huma mmirati kemm għal dak li jirrigwarda r-responsabbilità u kemm il-komputazzjoni tad-danni. Il-qorti affermat li l-appell interpost mis-soċjetà konvenuta immirat biex ixejjen dak li jirrigwarda it-3/4 responsabbilità lilha attribwita mill-ewwel qorti. Fuq dan il-Qorti ta' l-Appell qalet li, in parte, s-soċjetà appellanti kellha raġun u ddipartiet mir-raġunamenti ta' l-ewwel qorti u sostniet illi l-parti l-kbira tar-responsabbilità kellha taqa' fuq il-vittma u l-parti l-minuri fuq is-soċjetà konvenuta. Il-Qorti ta' l-Appell sostniet li kien il-vittma stess li ħoloq, bla ma ried, ostakolu addizzjonali u perikolu gravi għalih innifsu, u dan billi poġġa, imprudentement, l-virga tal-ħadid b'mod vertikali tistrieħ mal-burdura tat-trakk minflok ma poġġiha b'mod orizzontali ma' l-art.

»23. Illi applikat dan ir-raġunament għall-każ in eżami, l-esponenti tissottometti bir-rispett illi għandu jirriżulta ampjament illi l-appellat John Peter Stanton mhux biss ħoloq ostaklu addizzjonali u periklu gravi akbar minn dak illi kien fih meta huwa kien qiegħed jeżegwixxi l-istruzzjonijiet lilu mogħtija iżda addirittura ħoloq l-inċident hu stess bi traskuraġni u b'nuqqas ta' tħaris għall-prattiċi kwotidjanament in użu fl-esekuzzjoni tal-bdil tal-forom.«

11. Dan l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanti huwa ħażin u mhux ser jintlaqa'.

12. Mill-atti proċesswali jirriżulta b'mod ċar illi:

    i. fil-11 t'April 2001 l-attur intalab sabiex jagħmel xogħol ta' *maintenance* fuq il-makna, xogħol li ma kienx imdorri jagħmlu[2]. Għalkemm l-attur stqarr illi ġieli kien għen f'dan it-tip ta' xogħol[3], meta dan kien il-każ hu kien biss jgħin lil ħaddieħor u joqgħod fuq dak li jagħmel u jgħidlu jagħmel ħaddieħor u mhux jagħmel dak kollu li kien meħtieġ li jsir waħdu. L-attur kien imdorri jħaddem il-makna għall-produzzjoni[4] iżda ma kienx imdorri jbiddel il-forom tagħha;

    ii. ix-xogħol li l-attur ġie mqabbad jagħmel mis-soċjetà konvenuta fil-11 t'April 2001 kien xogħol perikoluż ħafna b'potenzjal għoli ta' korriment, tant li bħala konsegwenza tal-inċident hawn fuq imsemmi l-attur spiċċa tilef għal kollox l-użu ta' idu l-leminija, l-id dominanti tiegħu. Il-proċess tal-bdil tal-forom fih innifsu huwa perikoluż għaliex jekk il-viti li jżommu l-forma f'postha jinħallu qabel jew mingħajr ma jitqiegħdu s-serrattizzi, ma jkun hemm xejn li jżomm il-piż tal-makna u l-forma għalhekk tista' taqa' fuq id l-impjegat, kif fil-fatt għamlet f'dan il-każ u ġiet fuq id l-attur. Il-makna għalhekk ma kien fiha l-ebda *safety features* sabiex f'każ li l-impjegat jinsa' jqiegħed is-serratizzi jew jagħmel żball

---

2 Ara *foll.* 95, 127, 128, 132 sa 134, 219, 224 tal-proċess.

3 Ara *foll*. 128, 137 tal-proċess.

4 Ara *fol.* 132 tal-proċess.

fl-ordni ta' kif suppost jinħallu l-viti – ħaġa li tista' faċilment tiġri – il-makna ma taqax fuq idejh. Ix-xogħol li tqabbad jagħmel l-attur kien perikoluż ukoll peress li l-forom kienu jinbidlu ħafna aktar spiss milli kien maħsub fiż-diżinn tal-magna u dan għalhekk seta' wassal għall-ħsara fil-viti. Jidher ukoll li s-soċjetà konvenuta għamlet modifikazzjonijiet fl-istess makna li żiedux ir-riskji għall-ħaddiema li jaħdmu fuqha. Kien hemm konferma oħra li x-xogħol li tqabbad jagħmel l-attur kien perikoluż ħafna fir-relazzjoni tal-esperti tekniċi. Fil-konklużjoni-jiet tagħhom iddikjaraw li kien hemm "*over-familiarity with danger through habit and failure to take dangerous situations seriously*" u żiedu jgħidu wkoll li "*because procedures were not up to scratch, it would have only been a question of time before anybody would have got hurt whilst changing the mould on the machine*". Jidher ukoll li l-inċident li dwaru saret din il-kawża ma kienx l-ewwel wieħed fuq din il-makna għax kien hemm żewġ ħaddiema oħra li kienu weġġgħu fuqha, u inċident ieħor li fih kien weġġa' l-attur stess;

iii. qabel ma seħħ l-inċident l-attur ma ngħatax it-taħriġ u l-istruzzjonijiet preċiżi meħtieġa sabiex ix-xogħol li kien mistenni jagħmel isir sew u bla perikolu[5]: li l-viti jinħallu fl-ordni kif suppost – l-ewwel tat-tarf u wara dawk tan-nofs – u li jitqiegħdu s-serratizzi biex il-piż iserraħ fuqhom[6];

---

5 Ara *foll*. 76, 79, 128, 133 tal-proċess.

6 Ara *foll.* 86, 89, 91, 134 tal-proċess.

iv. fil-ġurnata tal-inċident l-attur ġie ordnat jagħmel dan ix-xogħol ta' *maintenance* mingħajr ebda superviżjoni da parti tas-soċjetà konvenuta u wara li kien diġà nbeda l-proċess tal-bdil tal-forom minn żewġ impjegati oħra[7], meta allura l-attur kellu għax jaħseb illi l-prekawzjonijiet preliminari kienu ġà ttieħdu.

13. Fid-dawl ta' dan kollu, din il-qorti ma tara l-ebda raġunijiet serji għaliex għandha tiddipartixxi mill-konklużjoni li wasslet għaliha l-ewwel qorti. Anzi taqbel magħha li s-soċjetà appellanti naqset fid-dmir tagħha li tipprovdi *a safe system of work* għall-attur u konsegwentement hija unikament responsabbli għall-inċident u għad-danni li ġarrab l-attur b'konsegwenza ta' l-inċident.

14. L-ewwel aggravju tas-soċjetà konvenuta għalhekk mhux sejjer jintlaqa'.

15. Ngħaddu issa għat-tieni aggravju tas-soċjetà konvenuta li "huwa mmirat lejn il-persentaġġ ta' diżabilità illi l-ewwel onorabbli qorti għoġobha tiddikjara illi minnu sofra l-attur appellat fl-inċidenti in kwistjoni". Tkompli tfisser dan it-tieni aggravju tagħha hekk:

> »It-Tieni Aggravju
>
> »24. Illi t-tieni aggravju huwa mmirat lejn il-persentaġġ ta' diżabilita illi l-ewwel onorabbli qorti għoġobha tiddikjara illi minnu sofra l-attur appellat fl-inċidenti in kwistjoni. Illi d-diżabilità tal-attur ġiet akkordata mill-ewwel qorti f'persentaġġ ta' tnejn u tmenin fil-mija (82%). Illi l-qrati tagħna huma kostanti fis-sens illi l-persentaġġ ta' 100% jingħata biss lill-persuni illi jkunu tilfu ħajjithom jew altrimenti jkunu reżi fi stat ta' inkapaċità kemm fiżika u kemm mentali tant illi l-vittma jkun qiegħed fi stat veġitattiv ... ... ...
>
> »25. Illi persentaġġ ta' tnejn u tmenin fil-mija (82%) għal persuna li tilef subgħajh jingħad bir-rispett illi huwa persentaġġ illi ma jirriflettix id-

[7] Ara *foll.* 76, 88, 95, 135, 215, 219, 223 tal-proċess.

dizabilita illi minnha sofra l-esponenti per konsegwenza tal-inċident in kwistjoni. Illi dan il-persentaġġ tista' tgħid illi jwassal biex il-vittma effettivament tilef il-kapaċitajiet lavorattivi kollha tiegħu meta, kif ser jirriżulta fit-trattazzjoni ta' dan l-appell, dan mhux il-każ.«

16. Dan it-tieni aggravju tas-soċjetà appellanti wkoll huwa ħażin u mhux sejjer jintlaqa'.

17. Hija ġurisprudenza kostanti tal-qrati Maltin illi l-perċentwali ta' diżabilità li trid tiġi stabbilita ma tirriflettix il-grad ta' inkapaċità f'sens purament mediku iżda fuq l-effett illi din għandha fuq il-qliegħ tad-danneġġjat u l-potenzjal tiegħu li jaħdem bi qligħ.

18. Din il-qorti hija tal-fehma illi l-persentaġġ ta' diżabilità li waslet għalih l-ewwel qorti fis-sentenza appellata – dak ta' 82% – huwa wieħed realistiku ħafna fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum u fil-fatt jirrifletti l-effett li d-diżabilità medika kellha fuq id-danneġġjat peress li:

   i. bħala konsegwenza tal-inċident tal-11 t'April 2001 l-attur tilef l-użu ta' l-id dominanti tiegħu[8] u tilef ukoll kull opportunità li jsib xogħol fis-settur tal-kostruzzjoni[9];

   ii. l-attur ma jista' jsib l-ebda impjieg ieħor – lanqas f'xi settur ieħor – minħabba d-diżabilità tiegħu[10] u minħabba l-uġigħ kostanti, li ġieli jkun insapportibbli, li jħoss minħabba l-kundizzjoni li beda jbati minnha wara l-inċident[11], li għalih ma

8 Ara *fol.* 120 tal-proċess.

9 L-attur tilef għal kollox l-użu ta' idu l-leminija, l-id dominanti tiegħu, u għalhekk ma jistax iktar jaħdem fis-settur tal-kostruzzjoni. Ara *foll.* 120, 126 tal-proċess.

10 L-attur sar dipendenti kważi kompletament fuq ħaddieħor, anke għal affarijiet sempliċi. Ara *fol.* 99 tal-proċess.

11 L-attur beda jbati minn kundizzjoni ta' *complex regional pain syndrome* bħala konsegwenza tal-inċident.

hemm l-ebda trattament speċifiku[12], u wkoll minħabba d-dipressjoni li waqa' fiha wara l-inċident u minħabba fl-inċident[13];

iii. Mr Carmel Sciberras – wieħed mill-kirurgi li kien opera lill-attur – iddeskriva d-disabilità tal-attur bħala waħda gravi: "*quite a disability*"[14]. Żied jgħid ukoll li:

> »... Mr Stanton had lost his job in the construction business and he also had to stop his jujitsu training. Being the dominant hand Mr Stanton has become handicapped. He cannot touch anything or pinch or grasp anything because it is painful. This is quite a disability.
>
> »...
>
> »... ... ... The complications that have developed in his case were devastating.«[15]

19. Il-fatt illi l-*complex regional pain syndrome* li minnu jbati l-attur minħabba fl-inċident mhux biss jagħmlu inkapaċi għal kull forma ta' xogħol iżda wkoll inċapaċi li jieħu ħsieb il-bżonnijiet personali tiegħu, b'mod li jeħtieġ għajnuna kostanti, jiġustifika l-grad ta' disabilità adottat mill-ewwel qorti.

20. Fid-dawl ta' dan kollu, u peress ukoll li s-soċjetà konvenuta ma ressqet l-ebda provi mediċi oħrajn li jmeru l-konklużjonijiet li waslu għalihom il-kirurgu Apap Bologna[16] u l-konsulent psikjatra Peter

---

12 Ara *foll.* 97, 98, 99, 120 tal-proċess.

13 Ara *foll.* 99, 117 tal-proċess.

14 Ara *fol.* 120 tal-proċess.

15 Ara *fol.* 120 tal-proċess.

16 Ara Dok. APB.

Muscat[17] fir-rapporti mediċi rispettivi tagħhom, dan it-tieni aggravju tas-soċjetà konvenuta mhux sejjer jintlaqa'.

21. Ngħaddu issa għall-appell tal-attur li jolqot il-*quantum* ta' kumpens mogħti mill-ewwel qorti. Skond hu għandu jingħata aktar kumpens minn din il-qorti mhux biss għaliex wara li ngħatat is-sentenza appellata saħħtu baqgħet sejra lura u għamlitha impossibbli għalih li jerġa' jsib xogħol iżda wkoll għaliex fejn qabel kellu l-għajnuna ta' martu llum din l-għajnuna ma tistax tibqa' tingħatalu. Ifisser l-aggravju tiegħu hekk:

> »Illi nonostante l-ewwel onorabbli qorti ġustament kif hekk irriżulta mill-provi prodotti attribwiet il-ħtija għal-korriment tal-attur appellant unikament fuq is-soċjetà konvenuta u ikkundannat l-istess soċjetà sabiex tħallas id-danni sofferti fl-ammont ta' €144,675.63, bl-ispejjeż, l-appellant ħass ruħu aggravat fir-rigward tal-valutazzjoni mgħotija mill-istess onorabbli qorti għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti u li ser isofri b'konsegwenza l-attur appellant li safa vittma tal-korriment li sar fuqu.
>
> »Illi l-esponenti appellant, kif diġa' ġie emfasizzat iktar il-fuq, tort ta' l-inċident, spiċċa ibati minn kundizzjoni ferm kiefra u komplessa magħrufa bħala *complex regional pain syndrome*. Kundizzjoni li kura għaliha ma teżistix u tista' biss tipprova timminimizza s-sofferenza tagħha limitatament bl-użu ta' diversi pilloli fosthom bħal *pain killers* u *antibiotics*. Filfatt dwar din il-kundizzjoni tal-appellant, it-tabib Carmel Sciberras, waqt seduta miżmuma nhar is-16 ta' Frar 2004 xehed is-segwenti: '*Ultimately we ended up by removing the whole finger and I said no more. By this time he had developed a complex regional pain syndrome of the nerve type. This is extremely difficult to treat. There is in fact no specific treatment for it ... Meanwhile Mr Stanton had lost his job in the construction business and he also had to stop jujitsu training. Being the dominant hand Mr Stanton has become handicapped. He cannot touch anything of pinch or grasp anything because it is painful. This is quite a disabilit*y.'
>
> »Illi l-esponenti appellanti jixtieq jiġbed l-attenzjoni ta' dina l-onorabbli Qorti ta' l-Appell dwar l-għarfien fuq din il-kundizzjoni mgħarufa bħala *complex regional pain syndro*me (*CRPS*) illi għaliha kura m'hemmx u illi kompliet taggrava ruħha magħtul il-mori tal-każ għal dawn l-aħħar tnax-il sena kif innotat u ddikjarat fis-sentenza tagħha l-istess onorabbli qorti.
>
> »Illi għaldaqstant il-valur ikkalkulat sabiex jerġa' jippristina lura il-ħajja tal-attur appellant qabel l-inċident, fuq il-prinċipju ta' *restitutio in*

---

17 Ara *foll.* 412 sa 414 tal-proċess.

*integrum* ma jistax jingħad li twettaq fis-seħħ kollu tiegħu fis-sentenza mogħtija nhar is-16 ta' Diċembru 2013 u dana għaliex il-perċentaġġ ta' diżabilità ma tiqafx hawn iżda ser tkompli tiżdied ġialadarba hawn qed nitrattaw fuq kundizzjoni kronika li għaliha m'hemmx kura iżda li jridu jitkomplu jintnefqu iktar flejjes biex ikompli jimminimizza l-uġigħ u l-attur appellant ikun jista' jirranġa l-ħajja tiegħu billi jkollu l-fondi neċessarji sabiex ma jibqax jiddependi unikament mill-għajnuna fiżika ta' martu iżda jkollu l-faċilitajiet apposta biex ikun jista' almenu jgħix dik il-ħajja 'indipendenti' fil-limitazzjonijiet tagħha.

»… … …

»Illi abbażi ta' dan l-artikolu [1045 tal-Kodiċi Ċivili] l-appellant jiddikjara illi d-danni attwali f'dan il-każ partikolari kienu it-telf ta' opportunità ta' xogħol, it-telf tal-paga, telf ta' qliegħ li kien sejjer jinvesti fil-lezzjonijiet tal-jujitsu li kien jagħmel u l-ispejjeż minħabba il-kundizzjoni kronika tal-*complex regional pain syndrome*. Illi din il-kundizzjoni titfa' lill-attur appellant f'diżabilità permanenti u għalhekk, meta jiġu ikkalkulati d-danni, il-qorti kif hekk jipprovdi art. 1045(2) tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità ikkaġunata u l-kundizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara. Għaldaqstant l-attur appellant jisħaq illi l-ewwel onorabbli qorti kellha fil-fatt tikkonsidra l-gravità tal-kundizzjoni tal-*complex regional pain syndrome* li sfortunatament mhux kundizzjoni li tista faċilment tikkontrollaha kif wieħed jixtieq ġaladarba kura m'hemmx u l-uġigħ hu insopportabbli. Filfatt din il-kundizzjoni ma tistax ma tiddemoralizzax il-vittma li tkun qed tbati minnha. Illi meta il-Prof. Apap Bologna iċċertifika id-diżabilta' tal-appellant bi 40% lura għas-sena 2002 kif hekk ikkwotat fis-sentenza mgħotija paġna 9:

> »"Effettivament, l-attur tilef għal kollox l-użu ta' idu l-leminija, l-id dominanti, tant illi l-Kirurgu Carmel Apap Bologna f'ċertifikat minnu maħruġ fit-3 t'Ottubru 2002 jgħid illi għandu debilità permanenti ta' erbgħin fil-mija (40%)".

»Għalkemm il-Kirurgu Apap Bologna kien xhud imressaq *ex parte*, l-opinjoni tiegħu ma ġietx kontestata, u fil-fehma ta' l-esponenti hija realistika ħafna meta tqis illi l-attur tilef l-użu ta' l-id dominanti.'

»Sfortunatament iċ-ċirkostanzi inbidlu għaliex l-istat ta' saħħa ta' l-appellant baqgħet dejem sejra lura u għalhekk ma kinitx valutazzjoni korretta illi l-qorti tistrieħ fuq il-persentaġġ passat ta' 40%.

»Illi minħabba l-*complex regional pain syndrome*, mhux talli saħħet l-appellant kompliet tiddeterjora matul dawn it-tnax-il sena li ilu għaddej il-każ iżda talli, minn kap tal-familja li kien jgħajjex il-familtu, spiċċa bħal tarbija taħt l-osservanza ta' martu u bintu. Għall-appellant din il-bidla f'ħajtu kienet daqqa kbira biex jaċċettaha.

»... … …

»Illi l-appellanti ħassu daqstant aggravat b'din il-valutazzjoni tad-danni mgħotija lilu meta mhux biss il-persentaġġ tad-diżabilità kien wieħed passat u ma josservax it-tibdil fiċ-ċirkostanzi li kienet qiegħda timponi il-*complex regional pain syndrome* u li l-liġi fl-artikolu 1045(2) tagħti biżżejjed diskrezzjoni lill-qorti sabiex prorpju tikkunsidra dawn l-fatturi meta tiġi biex tikkumpensa għad-danni sofferti u dawk li ser isofri kemm għal-kundizzjoni imsemmija li teħtieġlu li d-danni jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż korrenti u dawk futuri, u kemm għall-fatt li l-appellant

huwa impedut li jaħdem mija fil-mija. Il-*complex regional pain syndrome* tista' tiġi spjegata aħjar fis-segwenti spjegazzjoni:

> »"Complex regional pain syndrome (CRPS), formerly reflex sympathetic dystrophy (RSD) or "causalgia", reflex neurovascular dystrophy (RND), or amplified musculoskeletal pain syndrome (AMPS), is a chronic systemic disease characterized by severe pain, swelling, and changes in the skin. CRPS is expected to worsen over time...'
>
> »"CRPS has the unfortunate honour of being described as being one of the most painful long term conditions, scoring 42 out of a possible 50 on the McGill pain scale, above such events as amputation and childbirth.
>
> »"Clinicians who are not familiar with CRPS often mislabel these patients with a mental health disorder that is stigmatizing, adding insult to injury. For example, to make a diagnosis of pain disorder, the pain experienced by the patient."

»Illi il-kumpens għad-danni għal din is-sofferenza fiżika għandha hekk tiġi ikkunsidrata fit-total tagħha meta apparti d-danni morali minħabba id-dipressjoni li wieħed jaqbdu minħabba din il-kundizzjoni kiefra trid tiġi ikkunsidrata ukoll id-durata ta' din il-kundizzjoni li magħha naturalment jeħtieġu l-finanzi attribwibbli sabiex l-appellant ikun jista' jieħu ħsieb li ma jbatix iktar ma l-eta tiegħu ser tkompli tavvanza. Illi tkun ironija li fil-każ ta' <u>John Mary Garnisi *v.* Freeport Terminal Limited and Oswald Caruana</u>, 13 t'Ottubru 2004, dwar inċident li seħħ fil-Freeport fejn inqaleb *container* u safa ferut l-attur ta' ħamsa u ħamsin (55) sena, li kien ħaddiem tax-xatt fejn l-vittma ingħatat kumpens ta' Lm84,000 fuq perċentwal ta' 12% disabilta' permanenti. Illi għalkemm fil-Qorti ta' l-Appell ġie deminizzat l-kumpens abbażi tal-fatt illi:

> »"Disabilità permanenti ta' 12% ċertament ma tfissirx illi l-appellat kien impedut li jaħdem mija fil-mija. Huwa minnu li l-appellat kellu 55 fid-data ta' l-inċident, u għalhekk mhux faċli li jsib xogħol alternattiv ta' dik l-età. Pero' ma nġabu l-ebda provi li huwa għamel xi tentattiv biex isib xogħol alternattiv u li ma rnexxilux. Għalhekk din il-qorti ma tara l-ebda raġuni għala għandha tvarja il-perċentwali ta' disabilità ta' l-appellat minn dik stabbilita mill-kirurgu tiegħu stess, u cioe' ta' 12%.'

»Illi għaldaqstant tista' ssir ġustizzja mal-appellanti illi l-kundizzjoni tiegħu twasslu għal ferm iktar minn 40% li kien iċċertifika il-Professur Apap Bologna snin twal ilu u meta tali diżabilta' li aggravat ruħha rrendiet b'mod fattibbli l-impossibilta' li l-attur appellant b'xi mod setà isib xogħol.

»Illi għar-raġunijiet premessi, l-attur appellant jitlob illi dina l-onorabbli Qorti ta' l-Appell jgħoġoba hekk tbiddel il-komputazzjoni li saret mill-ewwel onorabbli qorti fir-rigward tal-kumpens għad-danni permezz tal-*multiplier* li intuża.«

22. Fir-rikors tiegħu tal-4 ta' Jannar 2019 l-attur appellant imbagħad żied jgħid hekk:

»Illi permezz tal-appell interpost mill-appellant John Peter Stanton, umilment qiegħed jitlob sabiex dina l-onorabbli Qorti ta' l-Appell jogħġobha tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili datata nhar is-16 ta' Diċembru 2013, fl-ismijiet <u>John Peter Stanton *vs* Schembri and Sons Limited</u> (nru 661/2002), billi jgħoġobha għar-raġunijiet esposti fl-istess rikors ta' l-appell, tbiddel l-ammont ta' kumpens mgħoti fis-somma ta' €144,675.63 għal kumpens iktar ġust u xieraq, filwaqt li tikkonferma l-kumplament ta' l-istess sentenza, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess soċjetà konvenuta;

»Illi bħala konsegwenza tal-inċident meritu tal-kawża l-esponenti qed ibati minn kundizzjoni newroloġika serja magħrufa bħala *complex regional pain syndrome* u dan kif diġa' jinsab determinat mill-ewwel onorabbli qorti;

»Illi sfortunatament, minħabba l-kumplessità li ġġib magħha l-*complex regional pain syndrome*, is-saħħa fiżika tal-appellant baqgħat dejjem sejra lura anki wara li ġiet deċiża s-sentenza appellata hekk kif l-uġigħ kompla jiżdied u sar insopportabbli tant li poġġietu f'sitwazzjoni fejn għandu bżonn l-għajnuna ta' *carer*, speċjalment issa illi, kif ġie ċertifikat mit-tabiba tal-mediċina, Dr Marthese Sciortino (anness mal-*affidavit* ulterjuri ta' l-appellant), mart l-appellant, Alexandra Stanton, li qabel kienet hi illi kienet tgħin lill-appellant sabiex tqajjmu mis-sodda u minn bilqegħda, sabiex tgħinu jinħasel, jitla' u jinżel it-taraġ, jimxi, jiekol (billi tippreparalu u taqtagħlu l-ikel għaliex ma jistax juża sikkina), twasslu fejn ikun hemm bżonn u tgħinu f'dawk is-sitwazzjonijiet l-oħra kollha illi persuna illi tbati mill-istess kundizzjoni tirrikjedi l-għajnuna, illum l-istess Alexandra Stanton ċertament illi ma hijiex qiegħda f'sitwazzjoni biex tkompli tagħmel dan u dan kemm minħabba limitazzjonijiet fiżiċi kif ukoll psikoloġiċi;

»Illi fis-sentenza mogħtija minnha, l-ewwel onorabbli qorti illikwidat id-*damnum emergens* sofferti mill-appellant fis-somma globali ta' €18,216. Illi l-komputazzjoni tad-*damnum emergens* mill-ewwel onorabbli qorti kienet tikkomprendi biss l-ispejjeż tal-pilloli illi l-appellant kien laħaq nefaq sakemm ħariġtlu l-*yellow card* u l-ispejjeż tal-pilloli illi kien qiegħed jonfoq u għadu jonfoq illi ma kinux koperti mill-*yellow card* u dawn ikkwantifikathom fuq perjodu ta' tletin (30) sena bejn id-data ta' l-inċident (meta l-appellant kellu sebgħa u erbgħin (47) sena) sakemm jagħlaq is-sebgħa u sebgħin (77) sena, *cioè* sakemm jilħaq il-*life expectancy* tiegħu.

»Illi l-kundizzjoni ta' l-appellant illum ma tirrikjedix biss l-infieq ta' l-ispejjeż għall-pilloli iżda tirrikjedi wkoll l-infieq ta' l-ispejjeż għall-għotja ta' għajnuna meħtieġa minnu u l-kundizzjoni tiegħu, liema għajnuna, li għal dawn l-aħħar snin, speċjalment wara s-sentenza ta' l-ewwel onorabbli qorti, kienet tingħata lilu minn martu, Alexandra Stanton (billi l-familja ta' l-appellant ma kellhiex u m'għandhiex ir-riżorsi biex tħallas *carer*), illum, għar-raġunijiet fuq esposti, ċertament illi din l-għajnuna ma tistax tibqa' tingħata lilu minn martu;

»Illi basta wieħed iħares lejn il-paga minima illi trid titħallas skont il-liġi għas-servizzi ta' *carer* fid-dar. Illi skont il-Liġi Sussidjarja 452.40 (L-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi għas-Servizz Domestiku biex Jirregola l-Pagi), senjatament skont ir-Regolament numru 4, ħaddiema fil-'Grupp 1', liema grupp jgħodd għall-każ in kwistjoni, għandhom jitħallsu mhux

inqas minn €769.68 fix-xahar u għalhekk mhux inqas minn €9,236.16 fis-sena.

»Illi llum l-appellant għandu sebgħa u sittin sena (67) u bl-applikazzjoni ta' l-istess insenjament ta' l-ewwel onorabbli qorti fir-rigward tal-*life expectancy tiegħu*, illum għad jonqsu għaxar snin sa meta huwa jagħlaq l-età ta' sebgħa u sebgħin (77) sena. Illi għalhekk isegwi illi l-appellant ser ikollu jonfoq mhux inqas (billi qegħdin nittrattaw fuq il-paga minima) mis-somma ta' €92,361.60 għall-għaxar (10) snin li ġejjin, liema spejjeż huma kompletament ineżistenti fil-komputazzjoni tad-*damnum emergens* sofferti mill-appellant b'konsegwenza diretta ta' l-inċident in kwistjoni;

»Illi altrimenti, l-għażla l-oħra li għandu l-appellant huwa li japplika biex jidħol f'dar privata illi tkun tista' taqdi l-bżonnijiet illi huwa jeħtieġ b'mod ġornaljier – ħaġa din illi ċertament ma setax u ma jistax jagħmel minħabba limitazzjonijiet finanzjarji. L-uniku mod li dan jista' jsir huwa jekk il-pensjoni ta' l-appellant tittiekel b'dana illi lanqas ikun jista' jgħajjex lil martu illi dejjem għamlet li setgħat biex tgħinu, u dan, kif fuq ingħad, mhux biss bħala mara tad-dar imma bħala *carer* tiegħu;

»Illi għalhekk, permezz ta' dan ir-rikors, l-appellant jixtieq jippreżenta *affidavit* ulterjuri tiegħu b'dokumenti ġodda mehmuża miegħu, sabiex permezz tagħhom jkun jista' juri lil din l-onorabbli qorti l-mod ta' kif is-sitwazzjoni tiegħu aggravat wara l-għotja tas-sentenza ta' l-ewwel onorabbli qorti u dan mhux biss billi saħħtu baqgħet sejra lura iżda anke għaliex fejn qabel kellu l-għajnuna ta' martu illum din l-għajnuna ma tistax tibqa' tingħata;

»Illi kif jipprovdi l-artikolu 1045(2) tal-Kodiċi Ċivili, "(2) is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqies iċ-ċirkostanzi tal-każ, u b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità ikkaġunata u l-kundizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara".«

23. Din il-qorti taqbel mal-attur illi wara li ngħatat is-sentenza appellata ħarġu fatti ġodda li ċertament li għandhom jitqiesu fil-komputazzjoni tad-danni li ġarrab bħala konsegwenza tal-inċident li seħħ fil-11 t'April 2001.

24. Mill-provi prodotti quddiem din il-qorti jirriżulta b'mod ċar illi wara li ngħatat is-sentenza tal-ewwel qorti fis-16 ta' Diċembru 2013 l-kondizzjoni medika tal-attur sfortunatament kompliet sejra għall-agħar. Dan il-fatt ġie kkonfermat numru ta' drabi, fosthom mill-*geriatrician* Dr Vincent Buheja li spjega li l-*complex regional pain disorder* "hija kondizzjoni li tibqa' tmur għal ħażin u tagħmel il-

ħsara"[18]. L-ispeċjalista tal-familja, Dr Marthese Sciortino, ukoll ikkonfermat illi matul is-snin is-saħħa fiżika u mentali tal-attur appellant baqgħet sejra lura, tant li saret aktar viżibbli[19].

25. Jidher ukoll li, għalkemm kienet mart l-attur appellant li ħadet ħsiebu matul dawn l-aħħar dsatax-il sena, hi ma għadhiex f'posizzjoni fejn tista' tkompli tagħmel dan, kemm minħabba limitazzjonijiet fiżiċi u wkoll psikoloġiċi, kif ukoll peress li l-kondizzjoni fiżika u psikoloġika tal-attur baqgħet sejra lura. Dan il-fatt ġie kkonfermat mill-attur appellant [20] innifsu kif ukoll mill-ispeċjalista tal-familja Dr. Marthese Sciortino[21].

26. Għalkemm ma taqbilx mal-attur appellant li l-persentaġġ ta' diżabilità li waslet għaliha l-ewwel qorti huwa "persentaġġ passat" – għaliex l-attur kien u għadu ma jista' jsib l-ebda impjieg, la fis-settur tal-kostruzzjoni u lanqas f'oqsma oħrajn, kemm minħabba l-fatt li l-kundizzjoni tiegħu baqgħet tiddeterjora, anke wara s-sentenza mogħtija mill-ewwel qorti, kif ukoll minħabba l-istat psikoloġiku tiegħu, u għalhekk m'hijiex sejra tvarjah,[22] din il-qorti hija tal-fehma li flimkien mal-ammont ta' danni mogħtija mill-ewwel qorti għandha tiżdiedlu somma oħra sabiex l-attur appellant ikun jista' jqabbad

18 Ara *fol.* 584 tal-proċess.

19 Ara *foll.* 579, 580, u wkoll *foll.* 539, 540 tal-proċess.

20 Ara *fol.* 553 tal-proċess.

21 Ara *fol.* 539 tal-proċess.

22 Għalkemm huwa minnu li saħħet l-attur marret lura matul l-andament tal-proċeduri, fid-data meta ngħatat is-sentenza appellata l-attur diġà kien fl-impossibilità li jsib xogħol fis-settur tal-kostruzzjoni jew xogħol f'xi settur ieħor u għalhekk ma nbidel xejn mid-data tas-sentenza appellata. Lanqas ma tressqu rapporti mediċi oħrajn li jmeru l-konklużjonijiet tal-kirurgu Mr. Apap Bologna u tal-konsulent psikjatra Dr. Peter Muscat fir-rapporti mediċi rispettivi tagħhom.

*carer*, għallinqas sakemm jilħaq dik li l-ewwel qorti qieset bħala l-*life expectancy* tiegħu biex il-*carer* tkun tista' tgħinu biex iqum mis-sodda u minn bilqegħda, biex tgħinu jinħasel, jitla' u jinżel it-taraġ, jimxi, jiekol, twasslu fejn ikun hemm bżonn u tgħinu f'dawk is-sitwazzjonijiet l-oħra kollha fejn persuna li tbati mill-istess kondizzjoni tkun teħtieġ l-għajnuna. Mill-provi prodotti ħareġ biċ-ċar li llum il-ġurnata l-attur sar kważi kompletament dipendenti fuq ħaddieħor. L-attur jistqarr illi minħabba l-kundizzjoni kiefra li beda jbati minnha bħala konsegwenza tal-inċident hu issa sar kompletament dipendenti fuq l-għajnuna ta' ħaddieħor.[23]

27. Fix-xhieda tiegħu mogħtija fl-10 ta' Ġunju 2019 l-attur spjega ftit mill-affarijiet bażiċi ta' kuljum li jeħtieġ l-għajnuna għalihom minħabba l-kundizzjoni tiegħu.[24]

28. Il-fatt li l-attur sar kważi kompletament dipendenti fuq ħaddieħor, anke għal affarijiet bażiċi ta' kuljum – per eżempju biex jinħasel, jilbes, imur it-*toilet*, jimxi minn post għal ieħor – ġie wkoll ikkonfermat mill-*general manager* ta' *Simblija Care Home* fl-ittra tagħha tal-4 ta' Jannar 2019 fejn qalet hekk:

> »Following a nursing subjective and objective assessment of Mr. Stanton, he expressed and was found to have great difficulty in mobilising due to the pain and discomfort on movement.
>
> »On assessing his ability to cope with the activities of daily living (ADL's), if admitted to *Simblija Care Home* Mr. Stanton will need to be cared for in all his ADL's which includes help in washing and dressing, assistance to toilet, mobilizing and trasferring. He would be monitored 24/7 by nurses on duty here at the home and would be assisted by care assistants with the help of specialized equipment within the Home. Mr. Stanton would also require daily active and passive

---

23 Ara *foll.* 531 tal-proċess.

24 Ara *foll.* 558 tal-proċess.

> physiotherapy due to his condition in order to relieve pain and avoid rigidity caused by contractures to the joints due to immobility, which would make it more difficult for him to remain active.« [25]

29. Fiċ-ċertifikat mediku tagħha maħruġ fil-11 ta' Marzu 2015 l-ispeċjalista tal-familja Dr. Marthese Sciortino ukoll ikkonfermat li l-attur illum jeħtieġ l-għajnuna anke biex jinħasel. Fiċ-ċertifikat mediku tagħha qalet hekk:

> »To whom it may concern.
>
> »The above has been suffering from Complex Regional Pain Syndrome following severe injuries to the right hand in 2001. Since then increasing severity of disabiliy especially involving upper and lower limbs. He is finding great difficulty in using the bath for washing, in order to change this to a shower for his benefit, he requires financial support due to the fact that he is not fit to work owing to his conditions as well...« [26]

30. Fid-dawl ta' dan kollu, u peress ukoll li m'hemm ħadd ieħor li jista' jgħinu, lill-attur jeħtieġlu li jqabbad *carer*.

31. Meqjus illi l-attur ser ikollu bżonn *carer* sakemm jibqa' ħaj, meqjusa wkoll l-ispejjeż biex timpjega *carer* u meqjusa wkoll l-għajnuna u sussidji li jagħti l-gvern f'ċirkostanzi bħal dawk tal-attur, il-qorti hija tal-fehma li somma addizzjonali ta' mitt elf euro (€100,000) tkun xierqa fiċ-ċirkostanzi.

32. B'kollox għalhekk is-soċjetà konvenuta għandha tħallas is-somma globali ta' mitejn u erbgħa u erbgħin elf, sitt mija u ħamsa u sebgħin euro u tlieta u sittn ċenteżmu (€244,675.63) lill-attur bħala danni, kemm *lucrum cessans* u kemm *damnum emergens.* Din is-somma,

---

25 Ara *foll.* 533, 534 tal-proċess.

26 Ara *foll.* 540 tal-proċess.

fil-fehma tal-qorti, hija fiċ-ċirkostanzi tal-każ aktar ġusta u reali minn dik li waslet għaliha l-ewwel qorti.

33. Għar-raġunijiet mogħtija, l-aggravju tal-attur safejn talab li jiżdied il-*quantum* tad-danni sejjer jintlaqa'.

34. Għaldaqstant, u għar-raġunijiet mogħtija, din il-qorti tiċħad l-appell tas-soċjetà konvenuta, tilqa' l-appell tal-attur appellant safejn talab żieda fid-danni likwidati u tvarja s-sentenza appellata billi tordna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur danni fl-ammont ta' mitejn u erbgħa u erbgħin elf, sitt mija u ħamsa u sebgħin euro u tlieta u sittn ċenteżmu (€244.675.63) flimkien mal-imgħaxijiet minn dakinhar tas-sentenza appellata, b'dan li l-imgħaxijiet fuq is-somma miżjuda ta' mitt elf euro (€100,000) jibdew igħaddu millum.

35. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell tal-konvenuta u dak tal-attur, tħallashom is-soċjetà konvenuta.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm